MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Numru 898/2004

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Joseph Mizzi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Joseph Mizzi, numru ta' karta ta' identita' 117365(M), akkuzat talli mill-1 ta' Gunju 2000 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnhu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala proprjetarju jew konsumatur u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku ta' "Chef Choice" li jinsab fi triq il-Latmija, Zabbar, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jwaqqaf jew ibiddel kejl jew marker

tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond, hawn fuq imsemmi, kkommetta serq ta' dawl elettriku ta' Lm8696.255 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-hin ai termini tal-Artikoli 18, 261, 263 u 270 tal-Kap 9;

Wkoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-Artikolu 326(f) tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom deherlu li seta' tinsab htija kontra l-imputat u ghalhekk baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija o meno tal-imputat.

Semghet lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz sommarjament;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta serq ta' dawl u hsara volontarja lill-apparat tal-Korporazzjoni Enemalta. L-imputat qieghed jigi akkuzat b'dawn ir-reati bhala proprjetarju u/jew detentur tal-fond li fih, skond il-prosekuzzjoni, rrisultaw r-reati ipotizzati.

Issa sakemm l-akkuza titratta s-serq hemm presunzjoni mixhuta fuq l-imputat kif previst fl-Artikolu 264(2) tal-Kap 9 li ma tapplikax fir-rigward l-hsara volontarja fejn l-oneru tal-prova hu, f'dan il-kaz, interament mixhut fuq il-prosekuzzjoni; fil-kaz tas-serq pero' dak li tehtieg tipprova l-prosekuzzjoni hu biss li l-imputat hu l-proprjetarju u/jew id-detentur u l-kawza tas-serq, ossija l-ksur jew l-mezzi qarrieqa, u sodisfatta din il-prova l-oneru jghaddi fuq l-

imputat biex jipprova anka jekk sal-grad tal-probabbli li hu ma kienx jaf bil-ksur jew il-mezzi qarrieqa.

Mill-provi senjatament minn dak li gie kkonstatat waqt l-inkjesta jirrisulta illi l-kawza tal-ksur jew l-mezzi qarrieqa kienu zewg sigilli celesti li kienu jissigillaw l-arlogg tad-dawl fil-fond in kwistjoni li jinghad kien adebit bhala fond industrjali. L-imsemmija sigilli fi kliem l-espert tekniku "dehru naqra minfuhin" u b'xi sinjali ta' brixx fuq wara, u x-xewka tal-gnub mghaffga. Fil-kuntest ta' dan il-Qorti thoss li ghandha taghmel s-segwenti precizazzjoni: li s-sigilli in kwistjoni kienu jghalqu l-bieba tal-kaxxa li fiha kien hemm l-arlogg li minn naha tieghu kien sigillat b'sigilli homor li jirrisulta nstabu intatti.

Issa l-Qorti ezaminat is-sigilli inkriminati u assolutament ma riskontrat ebda mill-irregolaritajiet li ntqalu u fuq liema l-prosekuzzjoni qeghdha iserrah il-kaz taghha.

Qeghdha ghalhekk tiddecidi li ma ssibx l-imputat hati u kwindi tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------